

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.9.2008
KUMM(2008) 563 finali

2008/0183 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

{SEG(2008) 2436}

{SEG(2008) 2437}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-provvista ta' ikel minn stokkijiet tal-intervent għall-organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità. Dak ir-Regolament ġie sussegwentement imħassar u integrat fir-Regolament li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).

Għal aktar minn għoxrin sena il-ħażniet ta' intervent disponibbli mill-Komunità taw prova tagħhom infushom bħala għejun affidabbli ta' għajjnuna alimentari għal dawk l-aktar fil-bżonn. Il-bżonn tad-distribuzzjoni tal-ikel żdied wara tkabbir wieħed wara l-ieħor li żied b'mod sostanzjali l-bżonnijiet tal-popolazzjoni tal-Komunità. Fl-2006 aktar minn 13-il miljun persuna bbenefikaw minn din l-iskema ta' għajjnuna. Aktar minn hekk, il-prezzijiet tal-ikel dejjem jiżdiedu qegħdin jaffetwaw ħażin is-sigurtà tal-ikel ta' dawk l-aktar fil-bżonn kif ukoll qed iżidu l-prezzijiet għall-provvista ta' għajjnuna tal-ikel.

L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif preskritti fl-Artikolu 33(1) tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq u l-assigurazzjoni li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Matul is-snin il-pjanijiet għad-distribuzzjoni tal-ikel implimentati taħt l-iskema għenu biex jintlaħqu ż-żewġ għanijiet u bit-tnaqqis tal-insigurtà tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità, urew li huma għodda essenzjali li tikkontribwixxi biex tiggarrantixxi d-disponnibiltà vasta tal-ikel fi ħdan l-Unjoni Ewropea filwaqt li tnaqqas il-ħażniet ta' intervent.

Fi snin riċenti, il-PAK inbidillu sostanzjalment l-orjentament tiegħu, b'ċaqliqa tal-enfażi mill-għan primarju taż-żieda fil-produttività lejn it-tijib tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura għaż-żmien fit-tul. F'dan il-kuntest, l-intervent bħala għodda regolatorja tneħħa kompletament għal xi prodotti bħaż-żejt taż-żebuga, iz-zokkor u l-qamħirrun, u għall-bqija, qiegħed jirritorna għar-rwol oriġinali tiegħu bħala xibka ta' sigurtà. Bħala riżultat, id-dipendenza tal-programm Komunitarju fuq ix-xiri mis-suq għall-provvista tal-ikel żdied etsinifikament matul is-snin.

Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-4 ta' April 2006 dwar il-forniment lil karitajiet approvati sabiex jiġi implimentat il-programm Ewropew dwar l-għajjnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn, il-Parlament Ewropew wera it-tħassib tiegħu dwar il-futur tal-programm Ewropew għall-għajjnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn u, billi għaraf il-ħtieġa li jintlaħqu l-bżonnijiet tal-ikel tagħhom, sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ipoġġu l-programm Ewropew għall-għajjnuna tal-ikel fuq bażi permanenti.

Aktar riċenti, fit-22 ta' Mejju 2008, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-prezzijiet dejjem jiżdiedu tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, fejn saħaq fuq in-natura fundamentali tad-dritt tal-ikel u l-bżonn li jitjib l-aċċess f'kwalunkwe waqt għall-persuni kollha biex ikollhom biżżejjed ikel għal ħajja attiva u b'saħħitha.

Il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet l-importanza ta' din l-iskema fil-Kommunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2008 dwar "Kif għandha tiġi ffaċjata l-isfida tal-għoli tal-prezzijiet tal-ikel – Direzzjoni għall-Azzjoni tal-UE". Matul id-diskors fil-Parlament fit-18 ta' Ġunju 2008, il-President tal-Kummissjoni Ewropea indika li l-Kummissjoni qiegħda tistenna żieda fil-baġit ta' żewġ terzi għal din l-inizjattiva.

- Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt

Il-konsultazzjoni pubblika ta' fuq l-internet dwar il-programm Komunitarju għad-distribuzzjoni tal-ikel ġibdet konkorenza qawwija, b'risposti li jesprimu appoġġ għat-tkomplija tal-programm Komunitarju għad-distribuzzjoni tal-ikel. Saru suġġerimenti minn organizzazzjonijiet tal-karità involuti fid-distribuzzjoni fl-Istati Membri waqt żewġ laqgħat ta' ħidma li saru fil-11 ta' April u fil-15 ta' Lulju 2008 u fil-qafas tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, l-awtoritajiet nazzjonali ppreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

Skont l-impenn li sar biex tittejjeb ir-regolamentazzjoni, il-Kummissjoni evalwat l-impatt ta' erba' għażliet possibbli: "Status quo", fejn l-istokkijiet ta' intervent jibqgħu l-uniku sors permanenti ta' ikel; "Stokkijiet ta' intervent kumplimentati mix-xiri tas-suq", fejn il-programm jibbaża fuq l-irtirar mill-intervent meta l-ħażniet ikunu disponibbli, supplimentati mix-xiri tas-suq; "Xiri mis-suq biss", fejn l-użu ta' stokkijiet ta' intervent ma jkunx aktar possibbli; u "Waqfa mid-distribuzzjoni tal-ikel" fejn il-programm tad-distribuzzjoni tal-ikel jew jitwaqqaf gradwalment jew jitwaqqaf ħesrem. Il-valutazzjoni tal-impatt wera li t-tieni u tat-tielet għażla laħqu bl-aħjar mod l-għanjiet iddikjarati.

2. ELEMENTI TAL-PROPOSTA

F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tal-programm tad-distribuzzjoni tal-ikel skond il-punti li ġejjin:

- **Żewġ sorsi ta' forniment.** L-ikel jista' jew jiġi mill-istokkijiet ta' intervent jew mis-suq. Tal-aħħar mhux se tibqa' limitata għal sitwazzjonijiet ta' indisponibilità temporanja għall-istokkijiet ta' intervent. Madankollu, il-prijorità għandha tingħata lill-użu ta' stokkijiet ta' intervent xieraq fejn dawn huma disponibbli.
- **Varjetà wiesgħa ta' ikel għat-tqassim.** Sabiex jittejjeb il-bilanċ nutrizzjonali tal-ikel provdut mill-programm, il-prodotti distribwiti mhux se jibqgħu limitati għal dawk fejn l-intervent japplika. L-ikel għandu jintgħażel mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fuq il-bażi ta' kriterji nutrizzjonali u distribwit f'koperazzjoni mas-sħab tas-soċjetà ċivili .
- **Perspettiva għall-perjodu fit-tul.** L-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-ikel jirrekjedu ippjanar fuq tul ta' żmien u preparazzjoni bir-reqqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mis-sħab tas-soċjetà ċivili ikkonċernati. Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tiegħu, il-pjan Komunitarju għad-distribuzzjoni tal-ikel għandu jiġi stabbilit għal tliet snin. L-ammonti ta' għajjnuna għat-tieni u t-tielet sena għandhom ikunu indikattivi biss u għandhom jiġu sussegwentement konfermati mill-awtorità baġitarja.
- **Prijoritajiet aktar ċari.** L-Istati Membri għandhom jibbażaw ir-rikjesti tagħhom ta' għajjnuna fuq programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel, fejn jistabilixxu l-għanjietu l-prijoritajiet tagħhom għad-distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn.
- **Il-kofinanzjament.** L-introduzzjoni tal-kofinanzjament jista' jsaħħaħ d-dimensjoni ta' koeżjoni tal-iskema, jiżgura pjanar xieraq u jsaħħaħ is-sinerġiji. Sabiex ikun hemm introduzzjoni mingħajr skossi u użu dejjem ogħla tal-fondi Komunitarji disponibbli, ir-rati Komunitarji ta' kofinanzjament għandhom ikunu 75% u 85% fl-Istati Membri ta' Koeżjoni għall-pjan tal-2010/12. Sussegwentement, mill-pjan tal-

2013/15, ir-rati tal-Komunità ta' kofinanzjament għandhom ikunu 50% u 75% rispettivament.

- **Tisħiħ tal-monitoraġġ u r-rappurtar.** L-obbligazzjonijiet ta' rappurtar fuq diversi livelli għandhom jiżdiedu u jinkludu rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2012.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-regoli proposti huma maħluqa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn fil-Komunità. L-iskema l-għdida għandha tiġi ffinanzjata mill-Komunità; l-emenda tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 huwa neċessarju. Dawn ir-regoli minnhom infushom ma għandhom l-ebda impatt fuq il-baġit. L-impatt tal-baġit se jibda mal-programm ta' distribuzzjoni tal-ikel tal-2010 u se jiġi determinat meta dan il-programm jiġi mfassal.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-forniment provvista ta' ikel minn stokkijiet ta' tal-intervent għall-organizzazzjonijiet magħżula indikati għad-distribuzzjoni lil l-persuni l-aktar li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità², sussegwentement imħassra u integrata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007³, ipprova sors affidabbli ta' ikel għad-distribuzzjoni lill-persuni l-aktar fil-bżonn tal-Komunità għal aktar minn għoxrin sena.
- (2) L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) preskritti fl-Artikolu 33(1) tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq kif ukoll l-assigurazzjoni li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Matul is-snin il-pjanijiet għad-distribuzzjoni tal-ikel implimentati taħt l-iskema għenu biex jintlaħqu sew iż-żewġ għanijiet u bit-tnaqqis tal-insigurtà tal-ikel għal persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità, urew li huma għodda essenzjali li tikkontribwixxi biex tiggarantixxi d-disponibbiltà vasta tal-ikel fi ħdan il-Komunità filwaqt li jitnaqqsu l-istokkijiet ta' intervent.
- (3) Il-Parlament Ewropew, fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2006 dwar il-forniment lil karitajiet li jaħdmu biex jimplementaw il-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn⁴, irrimarka li l-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn wera s-siwi tiegħu u kien vitali għalmiljuni ta'

¹ XX

² ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1.

³ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁴ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 170.

Ewropej. Barra minn hekk, esprima t-tħassib tiegħu dwar il-futur tal-programm Ewropew għall-ghajjnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn u għaraf il-ħtieġa li jintlaħqu l-bżonnijiet tal-ikel tagħhom billi sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, fost oħrajn, biex ipoġġu l-programm Ewropew għall-ghajjnuna tal-ikel fuq bażi permanenti.

- (4) It-tkabbiriet suċċessivi tal-Komunità żiedu n-numru potenzjali tal-benefiċjarji tal-iskemi ta' għajjnuna tal-ikel fil-Komunità. Fl-istess waqt iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel affettwaw negattivament is-sigurtà tal-ikel tal-persuni l-aktar fil-bżonn u żiedu l-prezzijiet għall-provvista tal-ghajjnuna alimentari. Bħal riżultat, l-importanza tal-iskema oriġinalment stabbilita skont ir-Regolament (KEE) Nru 3730/87 kibret matul is-snin. Huwa għalhekk essenzjali li l-iskema titkompla fuq livell Komunitarju u tiġiadattata aktar għall-iżviluppi tas-swieq dejjem jinbidlu.
- (5) L-iskema preżenti ta' distribuzzjoni tal-ikel tiddependi mid-distribuzzjoni tal-prodotti mill-istokkijiet Komunitarji ta' intervent, fuq bażi temporanja, tax-xiri mis-swieq. Madankollu, riformi waħda wara l-oħra tal-PAK u żviluppi favorevoli tal-prezzijiet tal-produttur irriżultaw fi tnaqqis progressiv tal-istokkijiet ta' intervent, kif ukoll tal-medda ta' prodotti disponibbli. Konsegwentament, ix-xiri mis-suq għandu wkoll ikunu sors permanenti ta' provvista għall-iskema biex jiġu kkumplementati l-istokkijiet ta' intervent, fejn stokkijiet ta' intervent xierqa ma jkunux disponibbli.
- (6) L-iskema Komunitarja ma tikkostitwixix l-unika risposta għall-bżonnijiet dejjem jikbru għall-ghajjnuna tal-ikel fil-Komunità. Il-politiki nazzjonali implimentati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-mobilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili huma ugwalment neċessarji biex jipprovdu is-sigurtà tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn. Skema Komunitarja b'element koeżiv qawwi tista', madankollu, isservi bħala mudell għad-distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn, tgħin biex jinħolqu sinerġiji u tteġġeġ inizjattivi pubbliċi u privati maħsuba biex iżidu s-sigurtà tal-ikel ta' dawk l-aktar fil-bżonn. Aktar minn hekk, minħabba l-firxa ġeografika tal-istokkijiet ta' intervent anqas disponibbli fl-Istati Membri, hija għandha tikkontribwixxi għall-aħjar użutagħhom. Għalhekk l-iskema tal-Komunità għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe politika nazzjonali tali.
- (7) Sabiex wieħed jibbenefika b'mod sħiħ mid-dimensjoni kożsiva tal-iskema tal-Komunità u jissaħħu s-sinerġiji maħluqa, u sabiex jiġi żgurat l-ippjanar sew, għandha ssir provvista għall-Istati Membri biex jikkofinanzjaw il-programm tad-distribuzzjoni tal-ikel. Ir-rati massimi Komunitarji ta' kofinanzjament għandhom jiġu provduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' miżuri eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005⁵. Rati oġhla ta' kofinanzjament għandhom japplikaw fl-ewwel snin ta' l-applikazzjoni tal-iskema riveduta sabiex jiġi żgurat teħid għoli ta' fondi, l-introduzzjoni gradwali tal-kofinanzjar, u sabiex ikun hemm transizzjoni mingħajr skossi u jiġi evitat ir-riskju ta' diskontinwità tal-iskema minħabba nuqqas possibli ta' riżorsi.
- (8) Ir-rata ta' kontribuzzjoni mill-FAEG għandha tqis is-sitwazzjoni fl-Istati Membri eliġibbli għall-fondi mill-Fond ta' Koeżjoni, kif imniżżel fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-

⁵ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

Kummissjoni 2006/596/KE⁶, jew fid-deċiżjonijiet relevanti sussegwenti, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-Komunità.

- (9) L-esperjenza wriet li ċertu titjib fil-ġestjoni ta' din l-iskema huwa mixtieq, partikolarment biex l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet magħżula jingħataw perspettiva għaż-żmien aktar fit-tul permezz ta' pjanijiet multi-annwali. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tistabilixxi pjanijiet fuq tliet snin għall-implimentazzjoni tal-iskema, ibbażata fuq ir-rikjesti mill-Istati Membri biex jiġu komunikati lill-Kummissjoni u informazzjoni oħra ikkunsidrata relevanti mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jibbażaw ir-rikjesti tagħhom f'termini ta' prodotti tal-ikel biex jiġu distribwiti fi ħdan kwalunkwe pjan ta' tliet snin fuq programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel, fejn jistabilixxu l-għanijiet u l-prijoritajiet tagħhom għad-distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn. Il-Kummissjoni għandha tiddefenixxi metodoloġija oġġettiva għall-allokazzjoni disponibbli tal-fondi.
- (10) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-punt (g) li ġej huwa miżjud:

"(g) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għad-distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità kif imsemmi fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007".

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 hu emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 27 qed jitbiddel b'dan li ġej:

"Artikolu 27

Distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

1. Il-prodotti fl-istokkijiet ta' intervent għandhom jiġu disponibbli jew il-prodotti tal-ikel għandhom jinxtrow fuq is-suq sabiex il-prodotti tal-ikel jkunu jistgħu jiġu distribwiti għal dawk l-aktar fil-bżonn fil-Komunità permezz tal-organizzazzjonijiet mfasslin mill-Istati Membri.

Il-prodotti tal-ikel għandhom jinxtrow mis-suq biss meta l-istokkijiet ta' intervent xierqa għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel mhumiex disponibbli.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel, li fihom

⁶ ĠU L 243, 6.9.2006, p. 47.

ikollhom it-talbiet għall-ammonti ta' prodotti tal-ikel biex jiġu distribwiti matul il-perjodu ta' tliet snin u informazzjoni rilevanti oħra.

3. L-iskema msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi bbażata fuq pjanijiet ta' tliet snin mfassla mill-Kummissjoni, skont talbiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2 u informazzjoni oħra kkunsidrata rilevanti mill-Kummissjoni.

Il-pjan ta' tliet snin għandu jistabilixxi allokkazzjonijiet finanzjarji annwali mill-Komunità għal kull Stat Membru u kontribuzzjonijiet finanzjarji minimi annwali tal-Istati Membri, determinati mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija stabbilita fl-implimentazzjoni tar-regoli addottati skont l-Artikolu 43(g). L-allokkazzjonijiet għat-tieni u t-tielet sena tal-programm għandhom ikunu indikattivi. L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għandhom jikkonfermaw kull sena t-talbiet imsemmija fil-paragrafu 2. Wara dawn il-konfermi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi kull sena sussegwenti fuq l-allokkazzjonijiet definiti, fi ħdan il-limiti tal-appropjazzjonijiet disponibbli fil-baġit.

Il-pjan ta' tliet snin jista' jiġi modifikat fid-dawl ta' kwalunkwe żviluppi rilevanti li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' distribuzzjoni tal-ikel.

4. L-organizzazzjonijiet maħluqa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 ma jistgħux ikunu impriżi kummerċjali.

Il-prodotti tal-ikel imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw mingħajr ħlas lill-organizzazzjonijiet magħżula.

Id-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lil dawk l-aktar fil-bżonn għandha tkun:

- (a) bla ħlas, jew
- (b) għal prezz li fl-ebda każ ikun akbar minn dak ġustifikat mill-ispejjeż imġarrba mill-organizzazzjonijiet maħluqa għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni, għajr għall-ispejjeż li jistgħu jiġu koperti taħt punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6.

5. L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għandhom:

- (a) jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema;
- (b) iżommu lill-Kummissjoni infurmata sew dwar l-iżviluppi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' distribuzzjoni tal-ikel.

6. L-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema għandhom ikunu:

- (a) il-valur għall-prodotti rilaxxati mill-istokkijiet ta' intervent, fejn għandu jitqies il-prezz tal-intervent, aġġustat fejn meħtieġ permezz ta' koeffiċjenti biex iqisu d-differenzi fil-kwalità;

- (b) l-ispejjeż tal-prodotti tal-ikel mixtrija fuq is-suq.

L-ispejjeż li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli skont l-Artikolu 43(g):

- (a) l-ispejjeż ta' trasport tal-prodotti tal-ikel kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-organizzazzjonijiet magħżula;
- (b) l-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti tal-ikel u tal-ispejjeż amministrattivi għall-organizzazzjonijiet magħżula direttament magħquda mal-implimentazzjoni tal-iskema.

7. Il-Komunità għandha tikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema.

Ir-rata Komunitarja ta' kofinanzjament ma għandhiex taqbeż:

- (a) għal pjan ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2010, 75% tal-ispejjeż eliġibbli, jew 85% tal-ispejjeż eliġibbli fl-Istati Membri eliġibbli għal fondi mill-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013, kif imniżżel f'Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/596/KE*;
- (b) għal pjanijiet sussegwenti ta' tliet snin, 50% tal-ispejjeż eliġibbli, jew 75% tal-ispejjeż eliġibbli fl-Istati Membri eliġibbli għal fondi mill-Fond ta' Koeżjoni f'sena partikolari, skont Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/596/KE u fid-deċiżjonijiet sussegwenti.

8. L-iskema tal-Komunità għandha mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe skema nazzjonali tikkonformi mal-liġi Komunitarja, fejn il-prodotti tal-ikel huma distribwiti lil dawk l-aktar fil-bżonn."

* ĠU L 243, 6.9.2006, p. 47."

- (2) Fl-Artikolu 43, il-punti (g) u (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(g) l-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel għal persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità skont l-Artikolu 27, tinkludi regoli dwar it-tmexxija finanzjarja u baġitarja, trasferimenti ta' prodotti ta' intervent bejn l-Istati Membri u l-ispejjeż eliġibbli u dwar il-koeffiċjenti referuti f'punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu;

(h) it-tfassil u l-modifikazzjoni ta' pjanijiet ta' tliet snin provduti mill-Artikolu 27(3), li jinkludu d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-allokazzjonijiet finanzjarji definiti;"

- (3) Fl-Artikolu 184 jiżdied il-punt (9) li ġej:

"(9) l-aktar tard sal-31 ta' Dieċembru 2012 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità skont l-Artikolu 27, flimkien ma' kwalunkwe proposta appropjata."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-pjanijiet ta' tliet snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2010 jew wara.

Għat-twettiq tal-pjan ta' distribuzzjoni tal-2009, id-dispożizzjonijiet emendati skont l-Artikoli 1 u 2 kif kienu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, [...]

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA				
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT 05 02 04 01	APPROPRJAZZJONI IET 2008: Euro 307 miljun		
2.	TITLU: Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament Waħdieni tal-OKS)			
3.	BAŻI LEGALI: L-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea			
4.	MIRI: Biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA ATTWALI 2008 (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA SUSSEGWENTI 2009 (EUR miljun)
5.0	NEFQA - IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	-	-	-
5.1	DĦUL - RIŻORSI TAL-KE STESS (DĦUL MILL-ĠBIR TAT-TAXXI / DAZJI DOGONALI) - NAZZJONALI	-	-	-
5.0.1	NEFQA STMATA	2010	2011	2012
5.1.1	DĦUL STMAT	(a)	-	-
		-	-	-
5.2	METODU TA' KALKOLU: -			
6.0	JISTA' L-PROĠETT Jiġi FINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RELEVANTI TAL-BAĠIT PREŻENTI?			IVA LE
6.1	JISTA' L-PROĠETT Jiġi FINANZJAT BI TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT PREŻENTI?			IVA LE
6.2	HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			IVA LE
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDĦLU APPROPRJAZZJONIJIET FIL-BAĠITS TAL-ĠEJJENI?			IVA LE
	OSSERVAZZJONIJIET:			
(a)	L-għan tar-regoli proposti huwa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet l-ġodda għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn fil-Komunità. L-iskema l-għdida għandha tiġi kofinanzjata mill-Komunità, għalhekk it-tlestija tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Dawn ir-regoli minnhom infushom ma għandhom l-ebda impatt fuq il-baġit. L-impatt fuq il-baġit se jibda mal-programm ta' distribuzzjoni tal-ikel tal-2010 u se jiġi determinat meta dan il-programm jiġi mfassal.			